IL-KUMMISSJONI

# PROTEZZJONI TAD-*DATA* PERSONALI TIEGĦEK

**Din id-dikjarazzjoni ta' privatezza tipprovdi informazzjoni dwar l-ipproċessar u l-protezzjoni tad-*data* personali tiegħek.**

**Operazzjoni ta' proċessar: Bażi tad-*data* DORIE** (dokumenti relatati ma' kwistjonijiet istituzzjonali)

**Kontrollur tad-*Data*:** SG.H.3

**Referenza tar-rekord:** DPR-EC-00843

**Werrej**


1. **Introduzzjoni**
2. **Għalfejn u kif nipproċessaw id-*data* personali tiegħek?**
3. **Fuq liema bażi(jiet) legali nipproċessaw id-*data* personali tiegħek?**
4. **Liema *data* personali tinġabar u hi soġġetta għal proċessar ulterjuri?**
5. **Għal kemm żmien tinżamm id-*data* personali tiegħek?**
6. **Kif nipproteġu u nissalvagwardjaw id-*data* personali tiegħek?**
7. **Min għandu aċċess għad-*data* personali tiegħek u lil min tiġi divulgata?**
8. **X'inhuma d-drittijiet tiegħek u kif tista' teżerċitahom?**
9. **Informazzjoni ta' kuntatt**
10. **Fejn tista' ssib informazzjoni aktar dettaljata?**

## 1. Introduzzjoni

Il-Kummissjoni Ewropea (minn hawn 'il quddiem "il-Kummissjoni") hija marbuta li tipproteġi d-*data* personali tiegħek u tħares il-privatezza tiegħek. Il-Kummissjoni tiġbor u tipproċessa b'mod ulterjuri d-*data* personali skont ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali *data* (li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001).

Din id-dikjarazzjoni ta' privatezza tispjega għalfejn nipproċessaw id-*data* personali tiegħek, il-mod kif niġbru u nittrattaw id-*data* personali kollha li tingħata, u kif niżguraw il-protezzjoni tagħha, kif tintuża dik l-informazzjoni, u x'inhuma d-drittijiet tiegħek b'rabta mad-*data* personali tiegħek. Tispeċifika wkoll id-dettalji ta' kuntatt tal-Kontrollur tad-*Data* responsabbli li tista' teżerċita d-drittijiet tiegħek miegħu, tal-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-*Data* u tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data*.

Din id-dikjarazzjoni ta' privatezza tikkonċerna l-operazzjoni ta' proċessar "*bażi tad-data DORIE* (dokumenti relatati ma' kwistjonijiet istituzzjonali)" imwettqa mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, l-unità SG.F.4 "Affarijiet Istituzzjonali" (minn hawn 'il quddiem, il-Kontrollur tad-*Data*) kif ippreżentat hawn taħt.

## 2. Għalfejn u kif nipproċessaw id-*data* personali tiegħek?

L-iskop tal-operazzjoni ta' proċessar: DORIE hija bażi tad-*data* online b'ġabra ta' dokumenti relatati ma' kwistjonijiet istituzzjonali li jipprovdu lil persuni interessati mill-pubbliku b'aċċess għal dawn id-dokumenti. L-ipproċessar ta' *data* personali f'DORIE jsegwi l-għanijiet li ġejjin: (1) għall-ġestjoni tal-awtentikazzjoni tal-utenti u t-tħaddim ta' funzjonalitajiet estiżi tal-utent, inklużi konfigurazzjonijiet personali (preferenzi), għal dawk l-utenti li jilloggjaw f'DORIE, u (2) biex iwieġeb għall-mistoqsijiet sottomessi permezz tal-formola ta' kuntatt online DORIE.

(1) DORIE hija aċċessibbli bla ħlas fuq is-sit web Europa. Iċ-ċittadini għandhom l-għażla li jilloggjaw f'DORIE permezz ta' mezzi ta' awtentikazzjoni siguri u li joħolqu kont tal-utent biex jibbenefikaw minn funzjonalitajiet estiżi tal-utent (bħall-issejvjar tar-riżultati, il-ħolqien ta' lista ta' riżultati ssejvjati) u li jistabbilixxu preferenzi personali (bħal-lingwa għall-ibbrawżjar). L-għan tal-ipproċessar tad-*data* personali tal-utenti li jagħżlu li jilloggjaw huwa li jippermetti lill-Kummissjoni timmaniġġja l-awtentikazzjoni tal-utenti u topera funzjonalitajiet estiżi tal-utenti għalihom, inklużi konfigurazzjonijiet personali (preferenzi).

(2) DORIE fiha formola ta' kuntatt online (aċċessibbli mill-paġna ewlenija permezz ta' tab apposta) fejn iċ-ċittadini jistgħu jistaqsu mistoqsijiet dwar il-bażi tad-*data* DORIE. L-għan tal-ipproċessar fir-rigward tal-formola ta' kuntatt huwa li jiġu identifikati l-utenti li jimlew il-formola ta' kuntatt DORIE u l-organizzazzjoni tagħhom (jekk jagħżlu li jindikaw liema organizzazzjoni jappartjenu għaliha), sabiex:

- tkun tista' twieġeb il-mistoqsijiet tiegħek dwar il-bażi tad-*data* DORIE;
- tevita tweġibiet multipli;
- tippermetti monitoraġġ aħjar ta' min juża l-bażi tad-*data* DORIE u għal liema għan;
- tippermetti fehim aħjar ta' x'inhu ta' interess partikolari għall-utenti u/jew ta' liema kwistjonijiet u diffikultajiet jistgħu jiffaċċjaw fl-użu tal-bażi tad-*data*.

DORIE titħaddem fuq il-portal tal-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet (għal aktar dettalji ara r-rekord DPR-EC-00449 - is-sit web tal-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea (Portal OP)). Id-*data* personali tiegħek mhix se tintuża għat-teħid ta' xi deċiżjoni awtomatizzat, inkluż għat-tfassil tal-profili.

## 3. Fuq liema bażi(jiet) legali nipproċessaw id-*data* personali tiegħek?

Nipproċessaw id-*data* personali tiegħek għaliex:

(a) l-ipproċessar ikun meħtieġ għat-twettiq ta' xi kompitu li jitwettaq fl-interess pubbliku jew fl-eżerċizzju ta' awtorità uffiċjali mogħtija lill-istituzzjoni jew lill-korp tal-Unjoni:

> L-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-istituzzjonijiet huwa stabbilit mill-Artikolu 15 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) u speċifikat aktar skont ir-Regolament Nru 1049/2001, u b'mod partikolari l-Artikolu 11 tiegħu (dispożizzjoni ta' reġistru pubbliku). Il-formola online ta' DORIE tippermetti lill-utenti jistaqsu mistoqsijiet dwar il-bażi tad-*data* DORIE (ġbir ta' dokumenti relatati ma' kwistjonijiet istituzzjonali) u t-tweġibiet korrispondenti jikkontribwixxu għal fehim xieraq (tal-funzjonament ta') u l-użu tal-bażi tad-*data* DORIE.

(b) hu bbażat fuq il-kunsens tiegħek, jiġifieri li tipproċessa d-*data* personali tiegħek:

> Sa fejn l-utenti jilloggjaw f'DORIE u joħolqu kont tal-utent u/jew jipprovdu *data* personali mhux obbligatorja (pajjiż, organizzazzjoni, *data* personali pprovduta spontanjament fit-talba), l-ipproċessar tagħha huwa bbażat fuq il-kunsens tal-utent f'konformità mal-Artikolu 5(1)(d) tar-Regolament 2018/1725.

## 4. Liema *data* personali tinġabar u hi soġġetta għal proċessar ulterjuri?

Sabiex iwettaq din l-operazzjoni ta' proċesssar, il-Kontrollur tad-*Data* jiġbor u jipproċessa l-kategoriji tad-*data* personali li ġejjin:

**Login u Kont tal-utent**

L-illoggjar f'DORIE huwa possibbli biss bl-użu tal-EU Login. Din l-operazzjoni ta' proċessar hija koperta mir-rekord tal-ipproċessar DPR-EC-03187 - Servizz ta' Ġestjoni tal-Aċċess għall-Assistenza għall-Identità (IAMS). Jekk jogħġbok ikkonsulta dak ir-rekord biex tiċċekkja t-tipi ta' *data* ipproċessata għall-ġestjoni tal-identità u tal-aċċess. L-illoggjar fis-sistema mhuwiex obbligatorju u l-utenti jistgħu jagħżlu li jikkonsultaw il-bażi tad-*data* bħala utent pubbliku mhux identifikat. Meta tilloggja għandek il-vantaġġ tal-aċċess għal xi funzjonalitajiet estiżi tal-utent (bħall-issejvjar tar-riżultati u l-ħolqien ta' lista b'riżultati ssejvjati), inkluża l-possibbiltà li tistabbilixxi xi preferenzi personali (eż. l-istabbiliment tal-lingwa għall-ibbrawżjar).

Meta jwettaq l-ewwel login f'DORIE, kull utent ġdid huwa mistieden jaqra d-dikjarazzjoni ta' privatezza attwali u jikkonferma l-qbil tiegħu ("kunsens") għall-ipproċessar tad-*data* tiegħu kif deskritt fiha; mingħajr dan il-kunsens l-utent jista' jaċċessa s-sistema biss f'modalità mhux illoggjata. Jekk l-utent jagħti l-qbil tiegħu, tinħoloq taqsima "Il-Kont Tiegħi/Il-Profil Tiegħi" fejn id-*data* tal-kunsens hija rreġistrata għal kull utent u fejn l-utent jista' jaċċessa l-funzjonalitajiet deskritti fil-paragrafu preċedenti. L-utent għandu l-possibbiltà li jħassar il-Kont/il-Profil tiegħu fi kwalunkwe ħin.

Id-*data* personali li ġejja tiġi pproċessata fir-rigward tal-kont tal-utent: l-isem tal-utent jew il-kont, l-indirizz tal-email, il-konfigurazzjonijiet personali (eż. il-lingwa għall-ibbrawżjar, eċċ), id-data tal-kunsens.

**Formola ta' kuntatt online**

Meta jkun qed jimla l-formola, l-utent irid jipprovdi d-*data* li ġejja:

➢ Obbligatorja meta timla l-formola online:

- Kunjom
- Isem
- Indirizz tal-email

➢ Fakultattiva meta timla l-formola online:

- Organizzazzjoni
- Pajjiż

It-test tat-talba jista' jkun fih *data* personali li l-persuna li tkun qed tagħmel it-talba tipprovdi b'mod volontarju. L-għoti ta' kunjom, isem u indirizz tal-email huwa obbligatorju biex timtela l-formola ta' kuntatt. Mingħajr dawn, it-talba ma tistax tintbagħat u, għalhekk, ma tista' tingħata l-ebda tweġiba.

## 5. Għal kemm żmien tinżamm id-*data* personali tiegħek?

Id-*data* personali relatata mal-kont tal-utent tinżamm fil-bażi tad-*data* interna tal-portal tal-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet sakemm l-utent jibqa' attiv. L-utent għandu l-possibbiltà li jħassar il-Kont/il-Profil tiegħu fi kwalunkwe ħin. Id-*data* personali relatata mal-Ġestjoni tal-Identità u tal-Aċċess tinżamm f'konformità mar-rekord DPR-EC-03187 - Servizz ta' Ġestjoni tal-Aċċess għall-Assistenza tal-Identità (IAMS).

Id-*data* mogħtija mill-utenti fil-formola online tasal b'email fl-indirizz elettroniku funzjonali tal-Kontrollur tad-*Data* u mbagħad tiġi rreġistrata fis-sistema ta' amministrazzjoni tad-dokumenti interni tal-Kummissjoni. Il-formola online ma tiġix issejvjata fil-bażi tad-*data* interna tas-sistema. Il-kontrollur tad-*Data* jżomm biss id-*data* personali tiegħek għaż-żmien meħtieġ biex jintlaħaq l-għan tal-operazzjoni ta' proċessar, jiġifieri sakemm ikunu meħtieġa azzjonijiet ta' segwitu għall-mistoqsija sottomessa permezz tal-formola online.

L-emails li jinħażnu fl-indirizz elettroniku funzjonali jitħassru b'mod awtomatiku wara 6 xhur, f'konformità mal-politika ta' ritenzjoni deskritta fir-reġistru ta' proċessar DPR-EC-03610 ("Sistema tal-email tal-Kummissjoni").

Id-*data* personali proċessata b'rabta mat-talbiet li jsiru permezz tal-formola ta' kuntatt jinżammu fis-sistema ta' amministrazzjoni tad-dokumenti interni tal-Kummissjoni għal sentejn, f'konformità mar-reġistru għall-ipproċessar DPR-EC-00536 ("Ġestjoni u (preservazzjoni (fuq terminu qasir u medju) ta' dokumenti tal-Kummissjoni) u r-regoli ta' ritenzjoni applikabbli stabbiliti fil-Lista Komuni ta' Ritenzjoni tal-Kummissjoni.

## 6. Kif nipproteġu u nissalvagwardjaw id-*data* personali tiegħek?

Id-*data* personali kollha f'format elettroniku (emails, dokumenti, bażijiet tad-*data*, lottijiet ta' *data* applowdjati, eċċ.) jinħażnu jew fuq is-servers tal-Kummissjoni Ewropea jew tal-kuntrattur(i) tagħha. L-operazzjonijiet ta' proċessar kollha jitwettqu skont id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE, Euratom) 2017/46 tal-10 ta' Jannar 2017 dwar is-sigurtà tas-sistemi ta' komunikazzjoni u informazzjoni fil-Kummissjoni Ewropea.

Sabiex tipproteġi d-*data* personali tiegħek, il-Kummissjoni daħħlet fis-seħħ għadd ta' miżuri tekniċi u organizzattivi. Il-miżuri tekniċi jinkludu azzjonijiet xierqa biex jindirizzaw is-sigurtà online, ir-riskju ta' telf tad-*data*, it-tibdil tad-*data* jew l-aċċess mhux awtorizzat, b'kunsiderazzjoni tar-riskju ppreżentat mill-ipproċessar u n-natura tad-*data* personali li tkun qed tiġi pproċessata. Il-miżuri organizzattivi jinkludu r-restrizzjoni tal-aċċess għad-*data* personali għall-persuni awtorizzati biss bi ħtieġa leġittima ta' tagħrif għall-finijiet ta' din l-operazzjoni ta' proċessar.

Il-proċessuri (kuntratturi) tal-Kummissjoni huma marbutin bi klawsola kuntrattwali speċifika għal kwalunkwe operazzjoni ta' proċessar tad-*data* personali tiegħek f'isem il-Kummissjoni. Il-proċessuri jridu jdaħħlu fis-seħħ miżuri tekniċi u organizzattivi xierqa biex jiżguraw il-livell ta' sigurtà, meħtieġ mill-Kummissjoni.

## 7. Min għandu aċċess għad-*data* personali tiegħek u lil min tiġi divulgata?

DORIE titħaddem fuq il-portal tal-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet miżmum mill-Kummissjoni Ewropea. L-aċċess għad-*data* personali tiegħek jingħata lill-istaff tal-Kummissjoni responsabbli biex iwettaq din l-operazzjoni ta' proċessar u lill-istaff awtorizzat skont il-prinċipju tal-ħtieġa ta' informazzjoni. Dan l-istaff jirrispetta ftehimiet statutorji, u fejn meħtieġ, ftehimiet addizzjonali ta' kunfidenzjalità.

Il-Portal tal-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet huwa ospitat f'Microsoft Azure Cloud fl-UE. L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet jagħmel użu mill-kuntratturi esterni (proċessuri) li ġejjin għat-tħaddim tal-portal:

- SOFTWARE IMAGINATION & VISION S.R.L. Victoria Park Complex, Building C4, 2nd floor 73-81 Bucuresti-Ploiesti Drive, District 1 013685 Bucarest, Romania

- ARHS Spikeseed S.A. B198451 13, Boulevard du Jazz L-4370 Belvaux, Luxembourg Service

- Tremend Software Consulting S.R.L. Suite 2, Block 8-B, Entrance 1, 7th Floor, Apt. 32, 83 Cluj Street, District 1 013685 Bucarest, Romania

Apparti l-proċessuri awtorizzati msemmija hawn fuq (u s-subproċessuri possibbli tagħhom) l-informazzjoni li niġbru mhi se tingħata lil ebda parti terza, ħlief sal-punt u għall-iskop li nistgħu nkunu obbligati li nagħmlu dan bil-liġi.

| **Cookies** |
|---|

Il-cookies huma files b'test qasir li jinħażnu fuq apparat tal-utent (bħal kompjuter, tablet jew telefown) minn sit web. Il-cookies jintużaw għall-funzjonament tekniku ta' sit web (cookies funzjonali) jew għall-ġbir ta' statistika (cookies analitiċi).

Il-paġna web DORIE hija disponibbli fuq sit web tal-Kummissjoni Ewropea, li tuża l-cookies. Il-cookies li jinħażnu mill-Kummissjoni għal dan l-iskop fuq l-apparat tar-reġistrant huma koperti mill-politika tal-cookies tal-Kummissjoni, li ssibha hawnhekk: [https://ec.europa.eu/info/cookies_mt](https://ec.europa.eu/info/cookies_mt).

Meta żżur is-sit(i) web ta' Dorie, se nżommu l-istorja tal-browser taż-żjara tiegħek għal mhux aktar minn 13-il xahar. Din l-informazzjoni mbagħad titħassar. L-operazzjonijiet ta' ġbir, aggregazzjoni u anonimizzazzjoni jitwettqu fiċ-ċentru tad-*data* tal-Kummissjoni Ewropea taħt miżuri ta' sigurtà adegwati.

Il-cookies jinħażnu minn Europa Analytics, is-servizz korporattiv li jkejjel l-effettività u l-effiċjenza tas-siti web tal-Kummissjoni Ewropea fuq EUROPA. Aktar informazzjoni hija disponibbli f'https://european-union.europa.eu/europa-analytics_mt. Mhux strettament meħtieġ li tippermetti dawn il-cookies biex is-sit web ikun jista' jaħdem iżda jekk tagħmel dan, se jkollok esperjenza ta' bbrawżjar aħjar. Tista' tħassar jew timblokka dawn il-cookies, iżda jekk tagħmel dan xi aspetti ta' dan is-sit web jistgħu ma jaħdmux kif suppost.

L-informazzjoni relatata mal-cookies ma tintużax biex jiġu identifikati suġġetti tad-*data* personalment u d-*data* dwar it-tendenzi hi kompletament taħt il-kontroll tal-Kummissjoni. Dawn il-cookies ma jintużaw għal ebda għan ieħor għajr dawk deskritti hawnhekk.

## 8. X'inhuma d-drittijiet tiegħek u kif tista' teżerċitahom?

Għandek drittijiet speċifiċi bħala "suġġett tad-*data*" skont il-Kapitolu III (l-Artikoli 14-25) tar-Regolament (UE) 2018/1725, b'mod partikolari d-dritt li taċċessa d-*data* personali tiegħek u li tirranġaha f'każ li d-*data* personali tiegħek ma tkunx eżatta jew ma tkunx kompluta. Taħt ċerti kundizzjonijiet, inti għandek id-dritt li tħassar id-*data* personali tiegħek, li tillimita l-ipproċessar ta' *data* personali tiegħek, li toġġezzjona għall-ipproċessar kif ukoll għandek id-dritt għall-portabbiltà tad-*data*.

Għandek il-jedd li toġġezzjona għall-ipproċessar tad-*data* personali tiegħek, li jitwettaq legalment skont l-Artikolu 5(1)(a), għal raġunijiet relatati mas-sitwazzjoni partikolari tiegħek.

Sa fejn tkun tajt il-kunsens tiegħek għall-ipproċessar ta' *data* personali billi tilloggja f'DORIE u toħloq kont tal-utent u/jew tipprovdi *data* personali fakultattiva kif deskritt taħt l-intestatura 4 hawn fuq, tista' tirtira l-kunsens tiegħek fi kwalunkwe ħin billi tinnotifika lill-Kontrollur tad-*Data*. L-irtirar mhux se jaffettwa l-legalità tal-ipproċessar imwettaq qabel ma tkun irtirajt il-kunsens.

Int tista' teżerċita d-drittijiet tiegħek billi tikkuntattja lill-Kontrollur tad-*Data*, jew f'każ ta' kunflitt lill-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-*Data*. Jekk ikun meħtieġ, tista' tindirizza wkoll lill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data*. L-informazzjoni tal-kuntatt tagħhom tinsab fl-Intestatura 9 ta' hawn taħt.

Meta tixtieq teżerċita l-jeddijiet tiegħek fil-kuntest ta' operazzjoni ta' proċessar speċifika waħda jew aktar, fit-talba tiegħek ipprovdi d-deskrizzjoni tagħhom (jiġifieri r-referenza/i tar-reġistrazzjoni(jiet) tagħhom kif speċifikat fl-Intestatura 10 ta' hawn taħt).

Kull talba għal aċċess għad-*data* personali se tiġi ttrattata fi żmien xahar. Kull talba oħra msemmija hawn fuq tiġi indirizzata fi żmien 15-il jum tax-xogħol.

## 9. Informazzjoni ta' kuntatt

**- Il-Kontrollur tad-*Data***

Jekk tixtieq teżerċita d-drittijiet tiegħek skont ir-Regolament (UE) 2018/1725, jew jekk għandek xi kummenti, mistoqsijiet jew tħassib, jew jekk tixtieq tressaq ilment rigward il-ġbir u l-użu tad-*data* personali tiegħek, ikkuntattja lill-Kontrollur tad-*Data*, SG- UNITE-F-4@ec.europa.eu

**- L-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-*Data* (DPO) tal-Kummissjoni**

Tista' tikkuntattja lill-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-*Data* (DATA-PROTECTION-OFFICER@ec.europa.eu) dwar kwistjonijiet relatati mal-ipproċessar tad-*data* personali tiegħek skont ir-Regolament (UE) 2018/1725.

**- Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* (EDPS)**

Għandek il-jedd tirrikorri (jiġifieri tista' tressaq ilment) għand il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* (edps@edps.europa.eu) jekk jidhirlek li d-drittijiet tiegħek skont ir-Regolament (UE) 2018/1725 inkisru b'riżultat tal-ipproċessar tad-*data* personali tiegħek mill-Kontrollur tad-*Data*.

## 10. Fejn tista' ssib informazzjoni aktar dettaljata?

L-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-*Data* tal-Kummissjoni (UPD) jippubblika r-reġistru tal-operazzjonijiet kollha ta' proċessar mill-Kummissjoni tad-*data* personali, li jkunu ġew iddokumentati u nnotifikati lilu. Tista' taċċessa r-reġistru b'dan il-link: http://ec.europa.eu/dpo-register.

Din l-operazzjoni ta' proċessar speċifika ġiet inkluża fir-reġistru pubbliku tad-DPO bir-referenza tar-Reġistrazzjoni li ġejja: DPR-EC-00843.